**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MIRIAM HAYMAN LL. D.**

**Kumpilazzjoni 92/01**

**Il-Pulizija**
**(Sp. Stephen Gatt)**

**vs**

**Concetta Camilleri ta' 42 sena, mart**
**John u bint Anthony Mifsud u Rosina**
**Grima, imwielda Pieta' fil-15-04-58,**
**Toqghod Flat 2, Block L, Bini tal-Gvern,**
**Triq Laqxija, B'Kara detentrici tal-karta ta' l-identita'**
**numru 366758 (M).**

**Illum 19 ta' Dicembru, 2001.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Concetta Camilleri li giet akkuzata talli fil-perjodu bejn 9.3.96 u 13.6.96 gewwa Pembroke San Giljan ukoll wara nzul ix-xemx, b'diversi azzjonijiet maghmulin anki fi zminijiet differenti li jkunu jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi qarrieqa li bihom seta' kellha l-uzu jew il-konsum illegittimu tal-kurrent elettriku jew li bihom setghet waqqfet jew biddlet il-kejl jew markar tal-meter, tal-kwantita' mehuda jew ikkunsmata jew ikkommettiet serq tal-elettriku fl-ammont ta' Lm 33.77 mill-fond Flat 8, Block 5, Qasam tad-Djar San Gorg, Pembroke San Giljan, bhala detentur jew il-persuna li f'isimha ghandha dan il-fond

jew il-persuna li assumiet responsabilita’ fejn instabu dawk il-ksur jew mezzi qarrieqa ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u lok.

U aktar talli fl-istess zmien jum, lok u cirkostanzi, ghamel hsara fil-fili jew ikkagunat it-telf tal-kurrent elettriku u ghamlet hsara jew kissret jew ikkagunat it-telf ta’ l-elettriku u ghamlet hsara jew kissret parti mill-meter jew sigilli ta’ xi meter jew xi parti minn xi apparat jew gumni uzati fil-provista tal-elettriku jew sigilli tieghu.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji (a fol 5).

Rat li l-imputat ma kellha ebda oggezzjoni ghal tali proceduri (fol 7).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat

Illi jidher illi hemm diskrepanza bejn fejn l-akkuzata sabet il-meter miksur, quddiem l-espert tal-Qorti qalet li kellha bzonn tidhol fil-garaxx ghax kellha bzonn titfi l-main meta sabet il-meter miksur. Ghalhekk ghalkemm ma qalitx carament li l-meter kien jinsab fil-garaxx, pero’ ta l-impressjoni li l-meter kien jinsab fil-garaxx, pero’ tat l-impressjoni li l-meter kien hemm jinsab. Viva voce quddiem din il-Qorti qalet li l-meter ratu fl-art meta kienet niezla biex tmur tixtri u rat il-meter miksur.

Quddiem din il-Qorti qalet li l-meter kien jinsab fuq indana, qalet li kien hemm cupboard maghluq fejn kien hemm il-meters.

Qalet li meta sabet il-meter ma' l-art hi cemplet l-ghassa. Innegat li hi qatt baghbset fil-meter tad-dawl.

Xehed Silvio Decelis u spjega kif wasal ghall-ammont mitlub fic-citazzjoni u cioe ghal somma ta' Lm 33.17 (Dok SD).

Ikkonsidrat

Illi huwa car li l-meter sofra danni kif deskritt mill-espert tal-Qorti. Veru wkoll li l-ligi, artikolu 264(2) tal-Kap 9 titfa' l-prova ta' dan ir-reat fuq l-akkuzat, prezunzjoni iuris tantum. Veru wkoll li hemm diskrepanza ta' fejn verament instab il-meter, u l-akkuzata ma tatx spjegazzjoni mhux ta' kif l-istess meter spicca ma' l-art imma kif saret it-toqba fl-istess li kkonstata l-istess espert tal-Qorti. Pero' l-Qorti trid tikkonsidra wkoll li kienet l-istess akkuzata li ghamlet rapport tal-hsara, fatt dan li zgur imur favur taghha, tenut kont tal-fatt ukoll li hi nnegat ebda tbaghbis fil-meter. Il-Qorti kellha wkoll ic-cans li tara l-imgieba ta' l-akkuzata fuq il-pedana tax-xhieda u hi tal-fehma li m'ghandhiex tinstab hatja ta' l-akkuzi kif dedotti kontra taghha, ghaldaqstant qed tilliberaha mill-istess.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.